MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 137/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Darren Debono**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Debono, ta’ 33 sena, bin Paul u Josephine nee’ Mifsud, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Mejju 1977, residenti fil-fond Flat 6 Zonqor Flats, Triq iz-Zonqor, Marsascala u detentur ta’ karta ta’ identita bin-numru 247477M.

Akkuzat talli fit-3 ta’ Dicembru 2012, ghall-habta tat-8:15 ta’ filghaxija, fi Triq il-Linja, Attard, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra mhux maghrufa:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ delitt ta’ serq aggravat fuq il-persuna ta’ Michael Mizzi u/jew Silvio Mizzi, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u sebgha’ u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tas-socjeta’ Ogygia Ltd. u/jew ta’ persuna/i w/jew ta’ entita’ jew entitajiet ohra;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ Michael Mizzi, ta daqqiet ta’ hadida (wheel-brace) fuq ras Michael Mizzi u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika t-tabib Dott. Ian Psaila M.D. mill-iSptar Mater Dei;

3. U aktar talli, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestrata gie offiz fuq il-persuna tieghu jew mhedded bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom;

4. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan-nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

5. U aktar talli, f’ xi hin bejn is-6 ta’ filghaxija, nhar id-29 t’ Awwissu, 2010 u l-5:15 ta’ filghodu tat-30 t’ Awwissu 2010, minn Triq il-Knisja, Msida kkommetta serq ta’ vettura Toyota Liteace, numru ta’ registrazzjoni IAT 916, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u seba’ w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Mario Micallef u/jew ta’ persuna/i u/jew entita’ jew entitajiet ohra;

6. U talli f' xi hin bejn il-15 ta' Settembru 2010 u l-4 t' Ottubru, 2010 minn Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun kkommetta serq ta' par tarek ta' registrazzjoni ta' vettura tal-marka Mitsubishi L200, bi-numru tar-registrazzjoni DAJ 445, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Anthony Vassallo u/jew persuna/i ohra;

7. aktar talli, fit-3 ta' Dicembru 2010 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data, gewwa H' Attard u fi nhawi ohra f' dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagag jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f' xi dokument mahsub ghall-xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi biddel it-tarek ta' registrazzjoni ta' vettura numru IAT 916, ma dawk ta' vetturi numru DAJ 445 ai terminu tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli, fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikati billi uza par tarek tar-registrazzjoni ta vettura ohra minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe' numri DAJ 445 minflok in-numri originali IAT 916, u dan ai terminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Akkuzat ukoll talli, fit-3 ta' Dicembru, 2010, f' xi hin wara t-8:15 ta' filghaxija, gewwa H' Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-marka Toyota Liteace, numru ta' registrazzjoni IAT 916, liema hsara tiskorri l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Mario Micallef u/jew ta' persuna/i w/u entita' jew entitajiet ohra;

10. u aktar, talli fit-3 ta' Dicembru, 2010 u fiz-zmien ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' vettura u/jew arma tan-

nar w/jew oggetti ohra, misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli f' Dicembru, 2010, u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer:

11. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

12. Appartjena ghal-ghaqda, imsemmija fis-subartiklu (1) ta' l-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. F' Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill imputat irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 13 ta' Lulju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:

a. 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 277, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. 261(g), 271(g), u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. 48A u 83A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h. 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
i. 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
j. 11, 12, 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz, li jikkoncernaw hold-up li sehh nhar it-3 ta’ Dicembru 2010 fi Triq il-Linja Attard fuq Michael u Silvio Mizzi, huma relattivament semplici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li fil-gurnata in ezami, ghall-habta tat-8.15pm, Michael Mizzi u ibnu Silvio Mizzi kienu sejrin lura d-dar, separatament, wara li kienu ghadhom kif ghalqu l-hanut taghhom Gold Market f’Attard stess. Hekk kif ipparkjaw, Michael Mizzi faccata tad-dar u Silvio Mizzi mal-bankina tad-dar, hargu mill-vettura rispettiva taghhom; Silvio Mizzi baqa fuq il-bankina jistenna sakemm missieru jaqsam it-triq biex jidhlu id-dar flimkien; Michael Mizzi kellu bagalja f’idejh li kien fiha diversi dokumenti, tlett elef Euro (€3,000) fi flus kontanti, u oggetti ta’ deheb li komplessivament jiswew xi elf u hames mitt Euro (€1,500).

Illi dak l-hin gew fuqhom tlett irgiel b’wicchom mghammad; zgur li tnejn minnhom kellhom xi haga f’idejhom. Wiehed minnhom mar fuq Michael Mizzi, talbu il-bagalja u tah daqqa fuq rasu b’oggett tal-hadid (wheel brace) li kellu f’idejh; Michael Mizzi irrifjuta li jaghtih il-bagalja u dak ir-ragel tah daqtejn ohra fuq rasu bil-wheel brace; Mizzi waqa’ ma’l-art. Sadattant iz-zewg irgiel l-ohra marru fuq Silvio Mizzi; dan irrealizza li wiehed minnhom kellu senter f’idejh u ghalhekk habbathom ma’ xulxin u f’l-istess hin rasshom mal-karrozza tieghu stess; f’din it-taqbida l-arma

(senter) li kienet f’idejn wiehed minn dawn iz-zewg irgiel waqa ma’l-art u z-zewg irgiel daru jigru mal-karozza fil-waqt li Mizzi harab man-naha l-ohra tal-vettura; dak il-hin Mizzi ra lill-missieru ma’l-art b’wiccu kollu demm. F’l-istess hin iz-zewg irgiel irrealizzaw li Mizzi ma kienx gabar is-senter, ghalhekk marru jigru lura ghalih. Meta ra hekk Mizzi mar jigri hu ghas-senter u fil-fatt lahaq gabru hu. Mizzi ra li z-zewg irgiel baqghu gejjin lejh ghalhekk huwa spara. L-ewwel tir ma hax u hu rega spara u din id-darba s-senter ha u z-zewg irgiel telqu jigru. Sadattant ir-ragel li kien attakka lil missieru ukoll resaq lejn Silvio Mizzi u dan (Mizzi) rega spara fid-direzzjoni ta’ dan ir-ragel li waqa’ ma’l-art. Mizzi baqa jipponta s-senter lejn dan ir-ragel u qallu biex ma jiccaqlaqx. Sa dak il-hin Michael Mizzi kien qam mill-art u resaq lejn dan ir-ragel mixhut ma’l-art; nehhielu l-balaclava biex jara minn hu; la Michael Mizzi u lanqas Silvio Mizzi ma kienu jafu min hu dak ir-ragel li kien ghadu kif aggredihom. Dan ir-ragel fil-fatt huwa l-imputat.

Illi ftit tal-hin wara waslet ambulanza u mbaghad il-pulizija; malli waslu l-pulizija Silvio Mizzi ikkonsenjalhom is-senter; Michael Mizzi u l-imputat ittiehdu l-isptar fejn irrizulta li Michael Mizzi kien qed isoffri minn griehi hfif.

Illi hekk kif kienu ghandhom qed jaslu l-pulizija fuq il-post dahal rapport li kienet qed tinharaq vettura hdejn il-gibjun f’ Ta’ Qali; din il-vettura kienet van ta’ tip Toyota Liteace li propjament kellha numru ta’ registrazzjoni IAT 916 u li kienet propjeta ta’ certu Mario Micallef; din il-vettura kienet giet rappuratat misruqa mill-istess Micallef fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta’ Awissu 2010. Fil-hin li instabet qed tinharaq din il-van kellha pjanci li juru numru ta’ registrazzjoni DAJ 445, li propjament kienu ta’ vettura ta’ tip Mitsubishi L200 propjeta ta’ Henry Vassallo u li kienu gew irraputata misruqa minn Anthony Vassallo (iben Henry) nhar l-4 ta’ Ottubru 2010. Dan Vassallo kien informa lill-pulizija li l-vettura in kwistjoni kienet ilha xi hames xhur mitluqa f’garage complex peress li kellha l-hsara, u li l-ahhar li kien ra qabel din id-data kien xi gimghatejn qabel; dak in-nhar hu ma tax kaz tan-number plates pero mbaghad gara li f’l-4 ta’ Ottubru 2010 il-persuna li kienet tiehu hsieb

il-garage complex infurmah li kien innota li l-vettura kellha n-number plates neqsin.

Illi mill-provi jirrizulta li s-senter li intuzat fil-hold up kienet propjeta ta' certu Mario Axiaq u anke registrat fuq ismu, pero snin qabel l-incident in ezami dan Axiaq bejgh is-senter lil xi hadd li ma jiftakarx ismu; dan it-transfer ma giex registrat ma'l-awtorita kompetenti b'mod li s-senter baqa registrat fuq Axiaq. Mill-atti ma jirrizultax li dan is-senter qatt gie rappurtat misruq.

Illi jirrizulta ukoll li fil-perjodu bejn is-7 ta'Lulju 2010 u t-12 ta' Novembru 2010 l-imputat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv; huwa rega gie arrestat wara l-kaz in ezami u fil-11 ta' Jannar 2011 rega gie mizmum il-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn ghadu sa' llum.

Illi dawn il-fatt jirrizultaw ampjament mill-provi u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet li qed jigu addebietati lill-imputat in succient huma is-segwenti:

a) Attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, u valur;

b) Pussess ta' arma regolari waqt li l-eghmil ta' reat kontra l-persuna u l-eghmil ta' reat ta' serq;

c) Serq, aggravat bil-mezz, valur, hin u x-xorta tal-haga, tal-van ta' tip Toyota Liteace b'numru ta' registrazzjoni IAT 916;

d) Serq, aggravat bix-xorta tal-haga, tal-pjanci li juru numru ta' registrazzjoni DAJ 445;

e) Falsifikazzjoni (ai termini ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) in kwantu ntuzaw il-pjanci li juru in-nurmu ta' registrazzjoni DAN 445 fuq il-vettura li propjament kellha n-numru ta' registrazzjoni IAT 916;

f) Uzu ta' numru ta' identifikazzjoni ta' vettura xorta ohra minn dak mghoti mill-pulizija;

g) Hsara volontarja fil-vettura ta’ tip Toyota Liteace fuq imsemmija;
h) Ippromwova, ikkostitwixxa, jew organizza ghaqda b’l-ghan li jaghmlu reat kriminali;
i) Appartjena ghal ghaqda b’l-ghan li taghmel reat kriminali;
j) Assocjazzjoni ma’ persuna/i biex jaghmel delitt;
k) Recidiva.

Illi f’dan l-istadju ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni hemm tlett imputazzjonijiet ohra migjuba kontra l-imputat, u cioe t-tieni, t-tielet u l-ghaxar imputazzjoni hemm elenkati, li huma dawk dwar:
a) Attentat ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Michael Mizzi, kif ukoll offiza volontarja ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’l-istess Michael Mizzi;
b) Sekwestru ta’ persuna fil-konfront ta’ Michael Mizzi; u
c) Ricettazzjoni.

Illi pero l-artikoli tal-Ligi relattivi ghal dawn ir-reati ma gewx indikati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali[1].

Illi waqt l-udjenza mizmuma nhar il-11 ta’ Jannar 2011, cioe meta sarlu l-interrogatorju ai termini tal-Ligi, l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ai termini tac-citazzjoni. Ghalhekk huwa ammetta ukoll zewg imputazzjonijiet li sussegwentement ma gewx inkluzi fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali.

Illi dwar in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ persuna imputata, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

[1] Ghandu jigi rilevat li hemm diskrepanza fir-rinviju ghal gudizzju anke ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni; referenza ghal din id-diskrepanza ser issir fil-kors tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni.

*Meta, …., ir-rinviju għall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[2]

Illi ghalhekk huwa car li din il-Qorti tista' tippronunzja ruhha biss fuq dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw minn-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali u ghandha tiskarta dawk l-imputazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-imsemmija nota ta' rinviju ghal gudizju, anke jekk ammessi mill-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni hija ammessa mill-imputat; din fil-verita tirrizulta mhux biss fuq l-ammissjoni ta'l-imputat imma bla dubbju ta' xejn anke mill-provi prodotti.

Illi fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ghandha tirrileva li fic-citazzjoni l-imputazzjoni tireferri ghal attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur **u hin**. Pero fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, u b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni, l-Avukat Generali ma kwotax l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-aggravju tal-hin; ghalhekk ghall-istess ragunijiet fuq espressi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dan l-aggravju.

[2] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjoni fic-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Michael Mizzi, kif ukoll offiza volontarja ta' natura hafifa fuq il-persuna ta'l-istess Michael Mizzi; u sekwestru ta' persuna fil-konfront ta' Michael Mizzi.

Illi m'ghandux ikun hemm dubbju li l-offiza fuq il-persuna u s-sekwestru ta' persuna huma reati separati u distinti minn dak ta' serq u ghalhekk ma jistghux jitqisu bhala reati minuri, komprizi u involuti fir-reat ta' serq. Ghaliex "*biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fit-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave"*[3].

Illi fil-kaz in ezami l-aktar li jista' jinghad fuq it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif elenkati fic-citazzjoni hu li ir-reati hemm kontemplati jservu bhala mezz biex isir ir-reat ta' serq. Huwa indubbju li l-fatti materjali li a bazi taghom setghet tinsab htija fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet[4] huma l-istess fatti li jikkostitwixxu l-bazi ta'l-aggravju dwar vjolenza ghas-serq imsemmi f'l-ewwel imputazzjoni, pero dan ma jbiddilx il-fatt li r-reat f'l-ewwel imputazzjoni huwa dak ta' serq u r-reati l-ohra (kontemplati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet rispettivament) huma ta' offiza fuq il-persuna u sekwestru tal-persuna, reati essenzjalment separati u distinti minn dak ta' serq.

Illi ghalhekk l-Qorti ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tac-citazzjoni.

---

[3] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia et deciza 11.02.2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

[4] Kien hemm provi sufficjenti, oltre l-ammissjoni tieghu, biex l-imputat jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba  imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li

*kull min … fil-waqt li jkun qed jaghmel reat kontra … l-persuna … jew ta' serq … ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, ikun hati ta' reat … … kemm-il darba ma jgibx prova xort'ohra li kien qed igorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop legittimu.*

Illi ai termini tal-Kapitolu 480, fid-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 2, definizzjoni ta' "arma regolari" tirrefreri ghat-tifsiera mghotija f'l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi hekk:

*Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.*
*L-armi, strumenti u ghodod ohra kollha ma jitqisux bhala armi, hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza, u f'dan il-kaz jissejhu armi irregulari.*

Illi ghalhekk huwa car li r-referenza f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 ghall-*armi regolari* ghandha necessarjament tiftiehem bhala referenza ghal dawk *l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.* Konsegwentement biex jissussieti r-reat kontemplat f'dan l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 il-persuna koncernata ghandu jkollha fil-pussess taghha arma regolari kif hawn defnita u mhux arma irregolari.

Illi m'hemmx dubbju li f'l-incident in ezami l-imputat wettaq reat kontra l-persuna (ta' Michael Mizzi) u ghamel attentat ta' serq. Lanqas m'hemm dubbju li fil-pussess tieghu huwa kellu wheel brace, fil-waqt li wiehed miz-zewg

persuni li kienu komplici mieghu fit-twettieq ta’ dawn id-delitti kellu senter fil-pussess tieghu[5].

Illi ai termini tad-dispozizzjonijiet hawn fuq kwotati m’ghandux ikun hemm dubbju li s-senter huwa arma regolari (arma tan-nar) fil-waqt li l-wheel brace ghandha titqies bhala arma irregolari. Konsegwentment, u ai fini ta’l-imputazzjoni issa in ezami, il-Qorti tista’ tiehu biss in konsiderazzjoni s-senter u mhux il-wheel brace.

Illi gie stabbilit li s-senter ma kienx f’idejn l-imputat imma f’idejn wiehed miz-zewg persuni l-ohra li flimkien ma’l-imputat wettqu l-hold up.

Illi permezz ta’ sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Keith Cremona (fis-7 ta’ Jannar 2010) mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dik il-Qorti qalet hekk:

*Illi indubbjament min dahal u hataf il-basket kien armat w ghalhekk min jirrizulta li b’ kull mod, kien komplici mieghu w kien jaf kif qed jagixxi w ma ghamel xejn biex izommu, jestendu w huma komunikabbli ghalih ic-cirkostanzi aggravanti personali li jirrendu l-attur hati tar-reat. Dan skond l-artikolu 45 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi li meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f’ delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt hu imputabbli mhux biss lill-persuna li taghmel l-att izda ukoll lil min kien jaf bl-att minn qabel ma sar u lil min, ghad li kien jaf bl-att fil-waqt li kien qed isir, hallieh isir ghad li seta’ jimpedieh.*

Illi fil-kaz in ezami hemm provi sufficjenti li juru l-partecipazzjoni ta’ kull wiehed mit-tlett persuni involuti x’kienet. Jirrizulta li tlett persuni flimkien (wiehed minnhom l-imputat) marru ghal fuq Michael u Silvio Mizzi. Aktar m’avvicinawgom l-imputat baqa sejjer fuq Michael Mizzi fil-waqt li t-tnejn l-ohra baqaghu sejrin fuq Silvio Mizzi. L-imputat kellu l-wheelbrace f’idejh, u wiehed mit-tnejn l-ohra kellu senter f’idejh. F’dan il-kwadru ta’ fatti ma jezisti

[5] Is-senter li eventwalment spicca fil-pussess ta’ Silvio Mizzi.

l-ebda dubbju li l-imputat kien jaf li wiehed minn shabu kellu senter u li dan kien ser jingarr maghhom u jintwera waqt il-hold up, kif fil-fatt ingarr u intwera.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 45 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat odjern ghandu jirrispondi ukoll ghall-fatt pruvat li waqt il-hold up ingarr u ntwera senter mill-komplici tieghu. Konsegwentement ir-raba imputazzjoni ukoll tirrizulta sodisfacjentement pruvata fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bis-serq, fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Awissu 2010, tal-van Toyota Liteace numru ta' registrazzjoni IAT 916.

Illi jirrizulta li fid-29 u t-30 ta' Awissu 2010 l-imputat kien qieghed detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tista' torbot lill-imputat ma' dan is-serq; konsegwentement din l-impututazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bis-serq, fil-perjodu bejn il-15 ta' Settembru 2010 u l-4 ta' Ottubru 2010, tal-pjanci li juri numru ta' registrazzjoni DAJ 445 minn fuq il-vettura ta' tip Mitsubishi L200.

Illi jibda biex jinghad li meta Antoine Vassallo mar jaghmel rapport, f'l-4 ta' Ottubru 2010, dwar is-serq ta' dawn il-pjanci huwa qal li l-vettura kienet ilha mitluqa fil-garage complex xi hames xhur; qal li l-ahhar darba li kien ra l-vettura kien gimghatejn qabel pero ma kienx ta kaz tal-pjanci. Fil-verita hu ma kienx jaf meta insterqu dawn il-pjanci.

Illi pero ai termini tac-citazzjoni l-prosekuzjoni qed tillimita l-imputazzjoni issa in ezami ghall-perjodu ta' bejn il-15 ta'

Settembru 2010 u l-4 ta' Ottubru 2010. F'dan il-perjodu l-imputat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. F'nuqqas ta' xi prova ohra kwalunkwe li torbot lill-imputat ma' dan is-serq huwa necessarjament ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi s-sebgha, it-tmien u d-disgha imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat huma bazati fuq l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-van Toyota Liteace, propjament b'numru ta' registrazzjoni IAT 916 pero li kellu fuqu l-pjanci li juru numru ta' registrazzjoni DAJ 445, intuza fil-hold up mill-imputat u z-zewg persuni l-ohra u li dawn iz-zewg persuni l-ohra harbu minn fuq il-post b'dan il-van u ftit wara telquh hdejn il-gibjun ta' Ta' Qali fejn tawh in-nar.

Illi jibda biex jinghad li huwa fatt stabbilit li ftit tal-hin wara l-hold up in ezami, hdejn il-gibjun f' Ta' Qali u ghalhekk vicin tal-post fejn sehh il-hold, instab van qed jinharaq. Huwa fatt pruvat ukoll li dan il-van li nstab kien dak li ghandu numru ta' registrazzjoni IAT 916 pero kellu pjanci li juru numru ta' registrazzjoni DAJ 445. Il-prosekuzzjoni qed tissottometti li dawn huma provi indizjarji sufficjenti biex, a bazi taghhom, l-imputat jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Illi huwa ben stabbilit li *fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*"[6], u li jwasslu ghal konkluzzjoni wahda biss[7].

Illi dwar l-imputazzjonijiet issa in ezami ghandu jigi rilevat li hadd mid-diversi xhieda li tressqu f'dan il-kaz ma ra lill-imputat, jew liz-zewg persuni li flimkien mieghu wettqu dan il-hold up, f'xi van, wisq anqas fil-van in kwistjoni; lanqas m'hemm provi a bazi ta' liema jista' jigi stabbilit li dan il-van kien fil-vicinanzi tad-dar ta' Michael Mizzi meta

[6] Ref Il-Pulizija vs Emanuel Seisun (Appell Kriminali deciza 09.01.1998).
[7] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Calleja (Appell Kriminali deciza 07.05.2010).

sehhet il-hold up. In oltre l-filmati li ttiehdu mis-sistemi ta' CCTV li gew notati fit-toroq li jistghu iwasslu minn fejn sehhet il-hold up sa fejn instab il-van jinharaq ma kienux ta' ghajnuna ghaliex ma juri xejn li tista' titqies bhala prova sufficjenti. Kien hemm filmat wiehed biss li fih, fil-hin ta' wara l-hold up, jidher nofs van li pero mhux identifikabbli. Aktar minn hekk ma nstabet l-ebda impronta jew prova ohra li fuqhom setghu isiru ezamijiet komparativi biex jorbtu dan il-van ma'l-imputat jew iz-zewg persuni l-ohra involuti fil-hold up. Finalment f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li fil-kors ta' l-inkjesta ma jidhirx li gie nominat espert biex jistabilixxi x'wassal biex il-van ha n-nar u cioe jekk in-nar kienx wiehed doluz jew accidentali.

Illi tenut kont ta' dan ma' jistax jinghad li hemm prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-van li instab mahruq fi Triq il-Gibjun Attard intuza mill-imputat u z-zewg persuni l-ohra fil-hold up u li kienu huma jew min minnhom li bidlu il-pjanci tan-numru ta' registrazzjoni. Lanqas hemm kwalunkwe prova li tista' titfa dell dwar kif dan il-van ha n-nar. Oltre minn hekk fil-hin li qabad il-van l-imputat kien mixhut ma'l-art fi Triq il-Linja u ghalhekk zgur ma setghax ikollu x'involviment f' dan il-hruq.

Illi in vista tas-suespost ma jistaghx jinghad li s-sebgha, it-tmien u d-disgha imputazzjoni jirrizultaw pruvati.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tac-citazzjoni l-ghaxar imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputata hija dik ta' ricettazzjoni u jidher li ngibet bhala alternativa ghall-imputazzjonijiet ta' serq tal-van u tal-pjanci li juri numru ta' registrazzjoni DAJ 445. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li fil-kors tal-kontro ezami tieghu[8] l-iSpettur Anthony Portelli indika li l-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni anke fuq il-fatt li l-imputat u z-zewg persuni l-ohra kellhom fil-pussess taghhom senter li l-prosekuzzjoni qed tallega li kien isruq.

[8] Depozizzjoni mghotija waqt l-udjenza mizmuma fis-26 ta' Settembru 2011 ref fol 395.

Illi din l-ghaxar imputazzjoni fic-citazzjoni, fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-principji generali f'dan ir-rigward diga gew indikati aktar 'l fuq fil-motivazzjonijiet dwar t-tieni u t-tielet imputazzjoni. Minn dawn il-principji jista' jidher li la darba l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu 334 fin-nota tieghu allura li l-Qorti ghandha tinjora l-imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni dwar ricettazzjoni.

Illi pero fil-kaz ta' ricettazzjoni ghandhom japplikaw principji differenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tesprimi ruhha dwar dan il-punt specifiku u cioe dwar sejbin ta' htija ta' ricettazzjoni minflok ta' serq anke fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta'l-artikolu 334 fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali. Fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh[9] dik il-Qorti qalet hekk:

*Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu …., 476(2) tal-Kap. 9, gie introdott proprju sabiex ikopri cirkostanza bhal din, u fejn fl-artikolu qed isemmi att ta' akkuza, dana ghandu japplika ghan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u fejn issemmi guri tista' tiftiehem ghall-Qorti tal-Magistrati. Dan ifisser, kwindi, illi dan l-artikolu japplika awtomatikament u m'ghandux ghalfejn ikun inkluz fil-lista tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali peress illi tali cirkostanzi topera ope legis u mhux necessarji jkun hemm talba ghal daqshekk mill-Avukat Generali. Dan l-artikolu jghid, "Jekk persuna, fuq akkuza ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' xi oggett, tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza, il-guri jista' jiddikjarha hatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta' dan ...". Hawnhekk, biex jidhol in vigore dan l-artikolu jew din ic-cirkostanza jrid jirrizulta nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija ta' serq u provi bizzejjed sabiex iwassal ghar-reat ta' misapproprjazzjoni.*

[9] Deciza 22 ta' Novembru 2012.

Illi din is-sentenza hija riaffermazzjoni ta' principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna u li gie ribadiet diversi drabi mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Diego Grixti f'l-1 ta' Dicembru 2008 dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk dwar l-effetti ta' l-artikolu 476(2) in ezami:

*persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 ta'l-imsemmi Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati.*[10]

Illi tenut kont tas-suespost jekk imputazzjoni ta' serq migjuba kontra imputat ma tirrizultax pero jirrizultaw l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni allura l-Qorti tista', minkejja n-nuqqas ta' indikazzjoni ta'l-artikolu 334 fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju ta' l-Avukat Generali, issib htija ta' ricettazzjoni.

Illi dan ifisser pero li biex il-Qorti, b'applikazzjoni ta' dan il-principju, issib lill-imputat hati ta' ricettazzjoni ta' xi haga huwa jrid ikun gie addebietat bis-serq ta' dik il-haga u ma giex misjub hekk hati. Fil-kaz in ezami imputazzjonijiet ta' serq fil-konfront ta'l-imputat li taghhom ma nstabx hati hemm tnejn: dik dwar il-van u dik dwar il-pjanci. Ghalhekk huwa car li, minkejja li l-ufficjal prosekutur qed isostni li l-imputat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni anke fir-rigward tas-senter, il-Qorti tista' issib issib htija ta' ricettazzjoni, kemm il-darba jirrizultaw pruvati l-elementi

---

[10] Illi dwar dak enunzjat fis-sentenza Il-Pulizija vs Diego Grixti hawn fuq kwotata, il-Qorti Kostituzzjonali (fis-sentenza taghha tat-12.07.2011 mghotija fil-kawza Luke Farrugia vs l-Avukat Generali) ikkummentat hekk: "*Ghandu jigi rilevat li dak deciz fil-kaz Il-Pulizija vs Diego Grixti ma kienitx xi innovazzjoni sorprendenti ghaliex aktar minn darba il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` li tapplika dispozizzjonijiet li jkunu esplicitament applikabbli ghal Qorti specifika ta' kompetenza kriminali ghal qrati ohra wkoll ta'kompetenza kriminali ghalkemm ma jkun hemm ebda dispozizzjoni legali li tirrendi l-istess dispozizzjonijiet applikabbli ghal dawk il-qrati l-ohra. Kien hemm kazijiet fejn addirittura l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat ukoll dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghal qrati ta' kompetenza kriminali minkejja n-nuqqas ta' xi dispozizzjoni legali li kienet tirrendi dawk id-dispozizzjonijiet hekk applikabbli*".

kollha rikjesti biex jissussisti dan ir-reat, biss fir-rigward tal-van u l-pjanci imsemmija u mhux tas-senter ukoll.

Illi f'l-istess sentenza hawn fuq kwotata[11] hemm riaffermazzjoni ta' gurisprudenza kostanti dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

*Il-gurisprudenza Maltija hija kopjuza ghal dak li jirrigwarda t-tifsira tal-elementi ta' ricetazzjoni, imma forsi jkun opportun li din il-Qorti taghmel referenza ghal wahda mill-ewwel insenjamenti illi saret in materja mill-allura Imhallef l-Onorevoli William Harding, fejn fil-ktieb tieghu Recent Criminal Cases Annotated jaghmel riferenza ghall-kawza "The Police versus Joseph Bugelli and others" fejn jghid fost affarijiet ohra, "Three conditions are essentials, that is: (a) that previously, there has been the commission of an offence against property; (b) that the accused has received, or purchased, or in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."*

Illi l-ewwel element imsemmi jirrizulta in kwantu huwa pruvat li l-van u l-pjanci de quo kienu misruqin. Pero kif intqal fil-konsiderazzjonijiet dwar is-sebgha, it-tmien u d-disgha imputazzjoni, mill-provi akkwezieti f'dan il-process m'hemm xejn li jista' jorbot il-van IAT 916 (bil-pjanci DAJ 415) mal-hold up in ezami hekk kif m'hemm l-ebda prova li l-imputat laqa' ghandu u kellu pussess ta' dawn l-oggetti.

Illi ghalhekk din l-ghaxar imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hdax u tat-tnax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir r-reati ravvizati f'l-artikoli 83A(1) u 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dawk dwar l-organizzazzjoni ta', jew l-appartenenza, f' ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali. L-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Ligi jipprovdu hekk:

[11] Op cit Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh.

*83A(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar, jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlieta sa seba' snin.*
*(2) Kull min ikun jappartjeni ghal ghaqda msemmija fis-subartikolu (1) jista' ghal dak il-fatt biss jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa hames snin.*

Illi huwa car minn qari ta' dawn id-dispozizzjonijiet li dak li qed jigi projbit permezz taghhom huwa l-formazzjoni ta', u l-appartenenza f' ghaqda, bejn zewg persuni jew aktar, liema ghaqdiet ikollhom l-skop li jwettqu **reati** (fil-plural) li ghalihom jistghu jehlu aktar minn erba' snin prigunerija.

Illi m'ghandu jkun hemm l-edba dubbju li, fid-determinazzjoni ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern, il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss il-provi prodotti quddiema f'dan il-process. Dan ifisser li l-Qorti trid tinjora kull referenza ghal xi proceduri ohra jew ghall-provi prodotti f'proceduri ohra liema provi ma gewx prodotti ukoll fil-proceduri odjerni.

Illi fil-proceduri odjerni ingiebu diversi provi li, kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet supra, juru li l-imputat ippartecipa, darba, flimkien ma' zewg persuni ohra f'attentat ta' serq aggravat. Min-naha l-ohra ma jirrizultax, f'dan il-process, min huma dawn iz-zewg persuni, jew xi persuni ohra, li kollha flimkien, l-imputat inkluz, jappertjenu ghal xi ghaqda; ma jirrizultax liema reati ohra twettqu mill-imputat jew minn xi persuni li jistghu jappertjeni ghal din l-ghaqda; wisq anqas hemm xi prova kwalunkwe li kien propju l-imputat li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-allegata ghaqda.

Illi l-unika accenn li hemm f'l-atti processwali ghall-imputazzjonijiet issa in ezami hu li l-imputat gie akkuzat, permezz ta' proceduri ohra li jidher li ghadhom pendenti, li ppartecipa ma persuni ohra f' attentat iehor ta' serq aggravat; il-Qorti tghid accenn ghaliex ma' ngibitx prova ta' dawn il-proceduri l-ohra pendenti kontra l-imputat.

Illi dan l-accenn zgur ma jistax jitqies prova ‘l hemm minn dubbju dettat mir-raguni ta’l-elementi essenzjali biex jissussistu r-reati issa in ezami, partikolarment meta wiehed iqies li dawk il-proceduri ghadhom pendenti u kull persuna hemm imputata ghada sa’ llum prezunta innocenti.

Ikkunsidrat

Illi peremzz tat-tlettax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f’l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din id-dispozizzjoni tipprovi hekk:

*(1) Kull min f’Malta jassocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ikun hati tar-reat ta’ assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat.*

*(2) L-assocjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda tezisti mill-waqt li fih xi sura ta’ azzjoni tkun li tkun tigi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

Illi a differenza ta’l-artikolu 83A din id-dispozizzjoni ma tirrikjediex l-formazzjoni ta’ xi ghaqda jew il-pluralita ta’ reati kommessi minn membri ta’ dik l-ghaqda. Dak li tirrikjedi d-dispozizzjoni issa in ezami huwa sempliciment li persuna f’Malta, jassocja ruhu, billi jippjana u jiftiehem xi sura ta’ azzjoni, ma’ persuna jew persuni ohra, b’l-ghan li jaghmel xi delitt.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat u zewg persni ohra wettqu hold up. Mill-provi huwa car li l-ghazla tal-vittmi ma kenitx wahda kazwali imma kienu gew identifikati minn qabel, hekk kif kien prestabbilit il-hin li fih ghandu jsir id-delitt, ghal liema huma marru armati, u attrezzati permezz ta’ ingwanti u balaclavas. F’dawn ic-cirkostanzi ma jistax ikun hemm dubbju li l-imputat pjana u ftiehem (u konsegwentement assocja), ma’ almenu zewg

persuni ohra, b'l-ghan li jwettqu serq aggravat, li huwa reat li ghalih l-Ligi tipprovdi piena ta' prigunerija.

Illi konsegwentement m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputazzjoni issa in ezami hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva.

Illi l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi in sostenn ta' din l-imputazzjoni: sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati datata 26 ta' Ottubru 2007[12] u sentenza ohra mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'l-24 ta' Jannar 2011[13].

Illi pero fic-citazzjoni l-addebietu tar-recidiva qed jigi bazat fuq sentenza wahda partikolari; ic-citazzjoni taqra hekk:

*Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill imputat irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 13 ta' Lulju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.*

Illi jidba biex jigi rilevat li mill-fedina penali tieghu ma jidhirx li fit-13 ta' Lulju 2010 inghatat xi sentenza fil-konfront ta'l-imputat. Mill-istess fedina u mis-sentenza esebieta bhala Dok AP1 (a fol 97) jidher li fit-28 ta' Mejju 2010 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta'l-imputat; minn din is-sentenza appellaw kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali. Fit-13 ta' Lulju 2010 l-imputat ceda l-appell minn interpost; l-appell interpost mill-Avukat Generali nstema' u gie finalment deciz f'l-24 ta' Jannar 2011 b'mod li d-data li fiha s-sentenza tista titqies finali u ezekuttiva hija propju l-24 ta' Jannar 2011, cioe wara li sehhew il-fatti mertu tal-proceduri odjerni.

---

[12] Dok SM1 esebieta a fol 768 tal-process.
[13] Dok AP1 esebieta a fol 797 tal-process (kopja hija esebieta bhala Dok JM1 a fol 823).

Illi fi kwalunkwe kaz, il-Qorti la tista tiehu in konsiderazzjoni din is-sentenza u lanqas dik datata 26 ta' Ottubru 2007 ai fini ta'l-addebietu tar-recidiva ghaliex ai termini tac-citazzjoni dan l-addebietu huwa bazat unikament u specifikatament fuq sentenza ohra li suppost inghatat fit-13 ta' Lulju 2010 pero ma tezistiex.

Illi ghalhekk l-addebietu tar-recidiva ma jirrizultax pruvat.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura gravissima tar-reati li taghhom qed jinsat hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-aggravju dwar hin f'l-ewwel imputazzjoni u tal-hames, is-sitt, is-sebgha, t-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u l-erbatax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 48A, 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah hames (5) snin prigunerija u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tas-senter esebiet b'dan li dan is-senter ghandu jibqa' esebiet in atti sa kemm il-Kummissarju tal-Pulizija jiddikjara li l-imsemmi senter mhux rikjest bhala prova f'xi proceduri ohra li jistghu jkunu gia pendenti jew li ghad jistghu jittiehdu fil-konfront ta' terzi in konnessjoni ma'din il-hold up; in oltre u b'applikzzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 l-imputat qed jigi skwalifikat minn kull licenzja kontemplata f'l-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin. In konkluzzjoni u b'applikazzjni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf mija tlett mija u tlettin Euro u hdax il-centemzu (€1,330.11)

rapprezentanti terz ta'l-ispejjez konnessi mal-hatra ta'l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------